**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta erbgħa (4) ta' Ġunju 2024

Kawża Nru 331/2023

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

vs

**Elena Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Elena Borg**, bint Michael u Regina nee Cini imwielda r-Rabat Għawdex, fit-tnax (12) ta' Frar 1996 u residenti Ta' Pietru, Flat 1, Triq Marsalforn, Xagħra, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identita numru 18996(G) talli fit-tletin (30) ta' April 2023 għall-ħabta ta' nofs il-lejl u għaxar minuti (00:10 hrs), waqt li kienet ġewwa Triq ir-Rabat, Nadur Għawdex:

(1) saqet il-vettura ta’ għamla Nissan bin-numru ta’ reġistrazzjoni EBZ 094 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont;[1]

(2) irrifjutat jew naqset milli tagħti kapjun tan-nifs wara li kienet avżata li dak in-nuqqas jew rifjut jikkostitwixxi reat;[2]

(3) b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti, kkaġunat ħruq jew għamlet xi ħsara jew għarrqet xi ħaġa għad-dannu tal-Korp tal-Pulizija ta’ Malta.[3]

Il-Prosekuzzjoni talbet li f’kaz ta’ ħtija, l-akkużata tiġi wkoll skwalifikata milli tikseb jew jkollha liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond l-artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta’ Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta’ Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65
[2] Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65
[3] Artikolu 328(d) tal-Kap. 9

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma 'mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' April 2023 il-Pulizija ġiet infurmata li kien hemm xi nies mexjin f'nofs it-triq fi Triq ir-Rabat, Nadur u li kienu qegħdin jkunu ta' ostakolu għat-traffiku f'dik it-triq. Għalhekk Pulizija mis-sezzjoni tal-mobile marru fuq il-post u sabu grupp ta' zgħażagħ mexjin fit-triq. Il-Pulizija xegħlu l-*beacon lights* u l-*hazard lights* u waqfu ħdejhom. Kif kienu ser jibdew ikellmuhom semgħu ħoss qawwi u fl-istess ħin ħassew daqqa kbira minn wara. X'ħin niżżlu mill-vettura innutaw li vettura oħra kienet daħlet fil-vettura tal-Pulizija u li din kienet spiċċat maqluba fuq il-ġenb tagħha. Fil-vettura kien hemm tfajla waħedha li qaltilhom li ma kinitx taf eżatt x'ġara. Il-Pulizija li kienu fuq il-post għamlu kuntatt mal-Għassa tar-Rabat biex jinfurmawhom bl-inċident stradali li kien seħħ u sabiex jitolbu għall-

aktar assistenza. L-akkużata ittieħdet l-Isptar bl-ambulanza għaliex kienet soffriet xi feriti. Fuq struzzjonijiet tal-Ispettur illum Supretendent Bernard Charles Spiteri, il-Pulizija ipproċedew sabiex jagħmlu t-test tal-*breathalyser* lill-akkużata. Hija għamlet żewġ tentattivi sabiex tagħmel it-test pero ma rnexxilhiex tonfoħ biżżejjed fl-apparat anke għaliex ma setgħetx tieħu nifs sew u kienet taħt xokk. Hija għalhekk qatgħet qalbha u ma reġgħetx ippruvat tagħmel it-test. Inħarġet għalhekk riċevuta li l-akkużata kienet irrifjutat li tagħmel it-test tal-breathalyser. Il-Pulizija ipproċedew billi ħarġu l-akkużi odjerni kontra tagħha.

Ikkunsidrat;

In linea preliminari d-difiża eċċepiet li d-data tal-akkuża mhijiex korretta. Dan għaliex din tirreferi għat-tletin (30) ta' April 2023 filwaqt li l-PIRS report qiegħed jindika d-data tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April 2023. Il-Qorti tqis li l-ewwel għandha tiġi indirizzata din l-eċċezzjoni peress li jekk jintlaqa' din tolqot l-imputazzjonijiet kollha li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużata.

Il-Qorti mill-ewwel tistqarr li d-difiża m'għandhiex raġun f'dan l-argument tagħha. Għalkemm fil-parti tal-PIRS report intitolata *"Action Taken"* issir riferenza għad-data tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April 2023, fl-ewwel faċċata tal-istess PIRS report d-data tal-inċident hija indikata bħala t-tletin (30) ta' April 2023. Aktar importanti minn hekk l-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija involuti preċiżament PC 68 J. Zammit, PC 53 S.

Spiteri u PS 506 D. Bugeja kollha jirreferu għad-data tat-30 ta' April 2023. Id-dokumenti l-oħra esebiti u ċioe l-iskizz u l-breathalyser test wkoll jindikaw li l-inċident seħħ fit-tletin (30) ta' April 2023. X'ħin il-Qorti rat l-iter tal-proċess kollu, hija tifhem r-riferenza għad-data tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April 2023. Meta daħlet l-ewwel telefonata fejn infurmat lill-Pulizija li kien hemm nies li kienu mexjin fin-nofs tat-triq, kien għadu ma daqqx nofs il-lejl u għalhekk il-ġurnata kienet għadha qed timmarka d-disgħa u għoxrin (29) ta' April 2023. Sakemm il-Pulizija waslu fuq il-post indikat lilhom u imbagħad seħħ l-inċident stradrali kien laħaq daqq nofs il-lejl u allura l-ġurnata kienet qalbet għat-tletin (30) ta' April 2023. Il-Qorti għalhekk m'għandha l-ebda dubju li l-inċident seħħ fid-data indikata fl-akkuża. Għalhekk dan l-argument tad-difiża qiegħed jiġi respint.

- **<u>L-Ewwel Imputazzjoni – Artikolu 15(1)(a) – Kap. 65</u>**

Fl-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużata fil-ġurnata u l-ħin indikati saqet il-vettura tagħha b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont. It-tlett (3) tipi ta' sewqan kontemplati fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 għalkemm kollha jattiraw sanzjonijiet penali ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[4] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan. Il-Qorti qalet li:

[4] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed*

> *irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96).”*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *“degree”*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

> *“... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' ‘degree’ (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol. XXXIX.iv.1018) u* ***Pul. Vs Alfred Vella*** *(Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-*

*iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.* ***Pul vs Hardingham****, 19.10.1963).*

*Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Farrugia*** *(Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul vs Antonio Spiteri*** *(Vol. XLIV.iv.892)).*"[5]

Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija f'din l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni jeħtiġielha tagħmel il-prova tas-sewqan. Id-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha tallega li din il-prova effettivament ma saritx. Il-Qorti pero ma taqbilx ma' dan. Il-provi prodotti jindikaw bl-aktar mod ċar u assolut li kienet l-istess akkużata u ħadd aktar li kienet qed issuq il-vettura EBZ 094 qabel ma' seħħ l-impatt. Dan ħareġ minn diversi elementi tax-xhieda:

(a) immedjatament hekk kif seħħet il-ħabta, PC 68 Jeffrey Zammit u u PC 53 Stefan Spiteri li kienu fuq il-post innutaw li fil-vettura EBZ

[5] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.

094 li kienet għadha kemm ħabtet mal-vettura tagħhom kien hemm biss l-akkużata u ħadd aktar;

(b) l-akkużata li kienet weħidha f'din il-vettura kellha bżonn assistenza medika u fil-fatt kellha tittieħed l-Isptar bl-ambulanza;

(c) Afsal Kelly li kien miexi fit-triq u li kien qiegħed jiġi mitkellem mill-Pulizija identifika lill-akkużata bħala s-sewwieqa tal-vettura li baqgħet dieħla fil-vettura tal-Pulizija.[6] Huwa minnu li Tharayil Vimaldev, Vijith Jerald u Shajahan Jarena Shameem fil-Qorti ma identifikawx lill-akkużata bħala l-persuna li dakinhar tal-inċident rawha ħierġa mill-vettura; madanakollu t-tlieta li huma kollha jindikaw li kienet persuna femminili kienet qed issuq il-vettura li baqgħet dieħla fil-vettura tal-Pulizija. Jgħidu li kienet persuna femminili biss li ħarġet mill-vettura hekk kif seħħ l-inċident. Fid-dawl tal-identifikazzjoni li saret minn Kelly m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-persuna femminili li jsemmu dawn it-tlett xhieda kienet l-akkużata u ħadd aktar;

(d) Minn kif wkoll xehed Vijith Jerald fil-ħin tal-inċident ma kienet għaddejja l-ebda vettura oħra mill-inħawi. Għaddiet biss dik il-vettura li baqgħet dieħla fil-vettura tal-Pulizija.

[6] Fol. 67 – 68 tal-proċess.

Jonqos għalhekk li jiġi stabbilit jekk l-akkużata kinitx qed issuq il-vettura tagħha bin-numru EBZ 094 b'manjiera traskurata, bla kont jew b'manjiera perikoluża. Il-Qorti tqis li mill-atti proċesswali ma irriżultawx l-elementi rikjesti ta' sewqan bla kont u sewqan perikoluż. L-inċident kien attribwibbli biss għall-fatt li l-akkużata ma kienx moħħha hemm fis-sewqan u ma kinitx qed iżżomm *a proper look out* hekk kif kienet obbligata li tagħmel. Kif ingħad fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Noel Gauci***[7] *'hu dover ta' driver to see what is in plain view '(Appell Kriminali: Il - Pulizija vs Joseph Vella [10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout '(Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17.6.1961])*.

Il-Qorti f'dik is-sentenza ikkwotat wkoll dak li kienu qalu l-Qrati Ingliżi fil-każ ta' ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.*** (1968) fejn irritenew li:

> '*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built*

[7] Deċiża fil-25 ta' Marzu 2004,

*up area, of the pavements on the side of the road as well';*[8]

Il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-akkużata ma kinitx qed iżżomm *a proper look* out abbażi tas-segwenti raġunijiet:

(a) L-inċident stradali seħħ f'parti tat-triq li hija dritta u tippermetti viżwali fit-tul. Kuntrarjament għall-impressjoni li tipprova tagħti d-difiża li l-inċident seħħ fi blind corner, dan mhuwiex korrett. Fil-PIRS report ġie indikat li l-inċident seħħ qrib il-fabbrika tal-Blokks ta' Rapa li qiegħda fil-parti dritta ta' Triq ir-Rabat. Dan ikkonfermatu wkoll x-xhud Jessica Cefai li irrikorriet fuq il-post biex tassisti lill-akkużata hekk kif hija ġiet infurmata b'dan l-inċident stradali. Anke l-istess skizz redatt mill-Pulizija jindika li ma kien hemm l-ebda ksur fit-triq;

(b) Il-vettura tal-Pulizija ma kinitx xi vettura żgħira li ma tidhirx. Di piu kellha mhux biss il-*hazards lights* normali tagħha mixgħula iżda wkoll il-*beacon lights*. Tenut kont li l-inċident seħħ bil-lejl żgur u mhux forsi li l-*beacon lights* kienu viżibbli minn ċertu distanza 'l bogħod. Sewwieq li jkun attent fis-sewqan tiegħu kellu

---

[8] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Spiteri** deċiża fil-21 ta' Mejju 1960 fejn ġie ritenut li: *"Driver ta' karozza għandu inegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm a proper lookout għall-vejikoli, pedestrians, u road-users oħra; l-ieħor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu."* Il-Qorti osservat *"ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' 'disattenzjoni ta' 'split second' u l-kontingenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati."*

jintebaħ b'tali d-dwal u jinduna li hemm xi ħaġa u b'hekk joqgħod attent fis-sewqan tiegħu; jekk l-akkużata ma indunatx b'dawn id-dwal li huma pjuttost viżibbli u minn ċertu distanza qabel, sinjal li hija ma kinitx moħħha hemm waqt li kienet qed issuq il-vettura tagħha;

(c) L-akkużata wara li ingħatat id-drittijiet legali tagħha stqarret mal-Pulizija *a tempo vergine* li hija kienet għaddejja minn żminijiet diffiċli minħabba problem personali u li seta' jkun li għajnha marret biha waqt li kienet qiegħda issuq.[9]

In-nuqqas tal-akkużata li hija żżomm *a proper look out* jinkwadra perfettament taħt il-kappa ta' sewqan traskurat. L-ewwel akkuża għalhekk ġiet sodisfaċentement ippruvata in kwantu jirrigwarda biss sewqan traskurat.

- **<u>It-Tieni Imputazzjoni – Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65</u>**

Fit-tieni imputazzjoni l-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużata irrifjutat jew naqset illi tagħti kampjun tan-nifs wara li kienet avżata li dak in-nuqqas jew rifjut jikkostitwixxi reat. L-artikolu 15E(4) joħloq il-presunzjoni legali illi jekk il-persuna li qed tiġi eżaminata tonqos milli tagħmel it-test kif suppost allura jitqies illi l-livell ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna huwa għola mil-limitu stabbilit fil-liġi. Jispetta

[9] Ara affidavit ta' PS 506 Derek Bugeja, fol. 21 tal-proċess.

imbagħad lill-persuna akkużata li tipprova illi n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba inkapaċita fiżika jew mentali.

Fil-fehma tal-Qorti ma jistax jingħad li l-akkużata rrifjutat li tagħmel it-test. Saru tal-anqas żewġ tentattivi biex hija tagħmel dan it-test. Kif irriżulta mill-affidavit tal-Pulizija PS 506 Derek Bugeja, l-akkużata ippruvat tagħmel it-test darbtejn iżda dawn ma taw l-ebda riżultat finali; saħansitra tħalla wkoll jgħaddi l-ħin bejn l-ewwel u t-tieni test iżda kien kollu għal xejn.

In-nuqqas ta' riżultat ma jidhirx li kien konsegwenza ta' xi azzjoni volontarja jew inkella ta' xi omissjoni da parti tal-akkużata. Jidher li kien hemm ċirkustanzi mediċi li ipprekludew lill-akkużata milli tagħmel dan it-test b'suċċess, liema ċirkustanzi mediċi kienu riżultat tal-istess incident stradali. Kif riportat mill-istess Pulizija PS 506 Derek Bugeja, l-akkużata kienet qed tiġġieled għan-nifsijiet fil-ħinijiet li sarulha ż-żewġ testijiet. Dan in-nuqqas ta' nifs probabbli kien riżultat tal-ġrieħi li hija soffriet f'imneħirha. Infatti skont iċ-ċertifikat mediku esebit, l-akkużata kellha daqqiet f'imneħirha u kellha wkoll id-demm ħiereġ mill-istess imneħirha, hekk kif xehdet ix-xhud Jessica Cefai. Dan apparti li kien taħt xokk.

Jiġi rilevat wkoll li kif xehdet Jessica Cefai, l-akkużata fl-ebda ħin ma qalet lill-Pulizija li hija ma kinitx se tagħmel aktar dan it-test. Anzi l-akkużata offriet minn jeddha stess li minflok in-nifs jittieħed kampjun

tad-demm biex it-test jkun jista' jsir fuq dan il-kampjun. Għal xi raġuni dan ma sarx mill-Pulizija.

Kuntrarjament għal dak rilevat mill-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali tagħha, il-liġi stess – senjatament l-artikolu 15E tal-Kap. 65 – jagħti s-saħħa lill-Pulizija li titlob kampjun tad-demm għall-fini sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna konċernata kinitx qiegħda taħt l-effett tal-alkoħol jew le. Ma kien hemm l-ebda ħtieġa li jkun hemm inkjesta maġisterjali għal tal fini; kulma ried isir huwa li jintalab il-kunsens tal-Maġistrat tal-Għassa biex ikun jista' jittieħed dan il-kampjun intimu. Għalhekk ma kien hemm l-ebda ostakolu legali biex il-Pulizija titlob tali kampjun, aktar u aktar meta l-istess akkużata kienet qiegħda tagħti l-kunsens tagħha biex dan isir. Di piu, l-akkużata u l-Pulizija kienu qegħdin l-Isptar u għalhekk f'ambjent fejn dan il-kampjun ta' demm seta' ittieħed mingħajr l-ebda diffikulta wara li tkun intalbet u inġabet l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat tal-Għassa mill-Pulizija.[10] Il-Pulizija għalhekk kellhom kull opportunita biex jistabilixxu permezz ta' testijiet oħra jekk l-akkużata kinitx qed issuq taħt l-influwenza tal-alkoħol jew le. Dan il-Pulizija m'għamluhx. Il-Prosekuzzjoni għalhekk ma tistax issa tipprova iddawwar dan in-nuqqas tagħha u tpinġieh bħala rifjut da parti tal-akkużata li hija tagħti l-kampjun rikjest għal tali testijiet. It-tieni akkuża għalhekk ma tistax tingħad li tirriżulta u l-Qorti sejra tillibera lill-akkużata minn din l-akkuża.

[10] Il-Leġislazzjoni Sussidjarja tistabilixxi li kampjun tad-demm jista' jiġi mitlub li jingħata fi Sptar, Ċentru tas-Saħħa jew Pulizija.

- **<u>It-Tielet Imputazzjoni – Artikolu 328(d)</u>**

Biex tirriżulta l-offiża kontemplata fit-tielet imputazzjoni huwa fundamentali li tiġi pruvata kondotta negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b'ness ta' kawżalita' mal-akkadut dannuż involontarju. Fi kliem **Antolisei**, irid ikun hemm, *"quel rapporto di causalita' che deve intercedere tra la condotta imprudente o neglgente e l'evento."*[11] Kif ġia senjalat aktar qabel f'din is-sentenza, irriżulta mill-provi li l l-akkużata kienet qed issuq b'mod traskurat. Kienet propju din it-traskuraġni tagħha fis-sewqan li waslet sabiex hija baqgħet dieħla bil-vettura tagħha fil-vettura tal-Pulizija u ikkaġunat ħsarat f'din il-vettura tal-Pulizija hekk kif irriżulta mill-atti. In-ness bejn l-aġir tal-akkużata u l-ħsarat fil-vettura tal-Pulizija huwa għalhekk pruvat.

Id-difiża issostni li ma inġabux provi tal-ħsarat tal-vettura tal-Pulizija għaliex ma telax jixhed rappreżentant mill-garaxx tal-Pulizija biex jispjega x'kienu l-ħsarat u l-quantum tal-istess ħsarat. Għalkemm huwa minnu li dan ix-xhud ma xehedx, il-prova tal-ħsara kaġunata xorta saret.

---

[11] Antolisei F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I,* 14th Edizione (2002), Dott. A. Giuffre Editore (Milano), p 73. Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Friggieri**, deċiża fil-11 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri)

Infatti fuq dan il-punt hemm ix-xhieda tal-Pulizija li kienu fis-sit fil-ħin tal-inċident kif wkoll ix-xhieda tal-Pulizija li investiga l-inċident. PS 506 Derek Bugeja jispjega li l-ħsarat fil-vettura tal-Pulizija kienu mal-fanal ta' wara tax-xellug, mudguard u tyre ta' wara tax-xellug. L-istess PS 506 jikkonferma wkoll kif il-vettura tal-Pulizija ma setgħetx tinstaq minħabba l-estensjoni tal-ħsarat li ġarrbet u kellha tiġi ittowjata minn fuq il-post minn tow truck għall-garaxx tal-Pulizija. Għar-rigward il-quantum tal-ħsarat, tali prova mhix neċessarja għall-fini ta' sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 328 tal-Kap. 9. Dan kuntrarjament għal akkużi taħt l-artikolu 325 tal-Kap. 9 fejn il-piena hija marbuta mal-*quantum* tal-ħsarat. L-importanti għall-fini tal-artikolu 328 huwa li saret il-prova li ġew arrekati ħsarat fuq il-vettura tal-Pulizija. Il-Qorti għalhekk sejra wkoll issib ħtija f'din l-akkuża.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-akkużata ħatja** tat-tieni (2) akkuża u għalhekk qed tilliberaha minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif wkoll l-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 qiegħda issib lill-akkużata ħatja tal-ewwel (1) akkuża fis-sens biss illi hija kienet qiegħda issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBZ 094 b'manjiera traskurata kif wkoll

ħatja tat-tielet (3) akkuża u qed tikkundannaha għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **<u>ħames mitt ewro (€ 500).</u>**

In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew tottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' ħmistax (15) -il gurnata mil-lum.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur